Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 5/2013AE

**Mario Cordina**

**Vs**

**Direttur ghal Progetti u Zvilupp u b'digriet tat-30 ta' Awissu 2013 gie kjamat in kawza l-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex**

Il-Gimgha, 27 ta' Novembru, 2015.

B'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Marzu 2015 il-konvenut Direttur ghal Progetti u Zvilupp gie kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn tlett mija u sebgha u disghajn ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,397.28), bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 2012. Il-konvenut l-iehor gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-31 ta' Awissu 2012 gewwa Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex meta saret hsara fil-mutur BMW tal-attur bin-numru bin-numru KBP-401 waqt li kien ghaddej minn Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.

Id-Direttur ghal Progetti u Zvilupp appella mis-sentena tal-20 ta' Marzu 2015. L-aggravju hu li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi, in kwantu:

i. Mart l-attur xehedet li ta spiss kien ighaddu mit-triq fejn sehh l-incident, filwaqt li l-attur xehed li fis-sajf 2012 din kien l-unika darba li ghadda minn hemm. Skond l-appellant il-verzjoni tal-attur m'hijiex kredibbli. Gialadarba martu qalet li kemm-il darba kienu jghaddu mit-triq fejn sehh l-incident, qatt ma messu accelera u ghamel manuvra ta' sorpass. F'kull kaz kellu jinduna f'liema stat kienet it-triq waqt li kien ghaddej minnha.
ii. It-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni d-deposizzjoni ta' Brian Borg, Waste Operations Manager fis-Sezzjoni tal-Waste Order tal-Water Services Corporation. Ix-xhud ikkonferma li ma sar l-ebda ftehim bil-miktub mal-Ministeru ghal Ghawdex. Kien biss ghaliex il-Water Services Corporation ma kellhiex bizzejjed flus biex tiffinanzja x-xoghol li l-Ministeru ghal Ghawdex accetta li jkompli x-xoghol. Li kieku l-Korporazzjoni ma hallitx *manholes* jisporgu 'l bara u wettqet ix-xoghol ta' resurfacing tat-triq, it-triq ma kinitx tkun ta' periklu u kienet tkun tajba ghas-sewqan. Inoltre t-triq m'hijiex wahda arterjali u ghalhekk ma taqax fil-kompetenza tal-Gvern Centrali. Meta sehh l-incident il-Ministeru ghal Ghawdex kien ghadu ma

bediex bix-xogholijiet u ghalhekk il-Korporazzjoni kienet ghadha responsabbli.

iii. Ix-xoghol ma setax isir mill-ewwel minhabba li kien hemm bzonn tal-permessi sabiex ikun jista' jsir ix-xoghol.

iv. Skond ix-xhud Brian Borg, it-tnehhija u tqeghid ta' barriers kienet taqa' fir-responsabbilta tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma.

Il-konvenut Kunsill Lokali taz-Zebbug wiegeb (23 ta' April 2015) li mill-provi ma kienx irrizulta li kien involut fix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fi Triq Marsalforn. Sahansitra l-permess biex isiru x-xogholijiet kien intalab lil Kunsill Lokali tax-Xaghra. Kompla li fil-fehma tieghu r-responsabbilta kienet ta' persuni li ma kienux imharrka, u cjoe' l-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma u l-Kunsill Lokali Xaghra. Dana apparti li hemm responsabbilta tal-attur li minkejja li kien hemm nuqqas ta' dawl fit-triq, ghamel manuvra ta' sorpass minghajr ma accerta ruhu li jista' jaghmilha minghajr periklu.

It-twegiba ta' Mario Cordina giet prezentata fil-21 ta' Mejju 2015, u cjoe' wara t-terminu kontemplat mil-ligi gialadarba gie notifikat bl-appell fil-21 ta' April 2015 (ara regolament 14(3) tal-Ligi Sussidjarja 380.01). Ghaldaqstant, il-qorti tordna l-isfilz tat-twegiba tal-attur.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:-

1. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li ma tressaq l-ebda aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal illibera lill-Kunsill Lokali Zebbug mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk dik il-parti tas-sentenza hi gudikat. F'kull kaz ma giex ippruvat li dan il-konvenut kien responsabbli ghat-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni.

2. Jirrizulta li waqt li l-attur kien qieghed isuq il-mutur tieghu fi Triq Marsalforn, ghadda minn parti tat-triq li kienet imharrbta u saret hsara fil-mutur. L-attur ma waqax minn fuq il-mutur. Fatt li lill-qorti jatiha x'tifhem li ma kienx qieghed isuq b'velocita' eccessiva. L-incident sehh ghal habta tal-10 ta' filghaxija. Skond martu, Katsiaryna Sarokina, fit-triq:

   *"There were no road markings of any kind, neither continuous nor broken lines, and no caution signs"* (fol. 35).

   Fil-gurnata li sehh l-incident il-kundizzjoni tat-triq tidher fir-ritratti u filmati li l-attur qal li ha l-ghada tal-incident (fol. 25-28 u 251). Il-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet fi stat fqir hafna u ta' periklu manifest ghal min qieghed isuq mutur, kif wara kollox huma hafna toroq f'Malta. Filwaqt li hu pozittiv li jigu ntrodotti mizuri sabiex il-Gvern ihajjar iktar nies jaghmlu uzu minn muturi, pero' fl-istess waqt l-istat ta' hafna toroq hu ta' periklu manifest ghal min jaghmel minnhom.

3. L-appellant argumenta li l-attur ma kienx qieghed isuq bi prudenza. Il-qorti ma taqbilx. Tezi li baqghet mhux ippruvata.

   Inoltre, ghalkemm saret riferenza ghad-deposizzjoni ta' mart l-attur[1], il-qorti m'hijiex konvinta li x-xhud qalet li fiz-zmien li sehh l-incident kienu diga' ghaddew minn dik it-triq u kienu jafu bl-istat disaztruz li fih kien tinsab dik il-parti ta' Triq Marsalforn fejn sehh l-incident. Mistoqsija jekk matul ix-xahar ta' Gunju u Lulju 2012 ghaddietx minn Triq Marsalforn[2], qalet *"Maybe, that was two (2) years ago……."* (fol. 236). Min-naha l-ohra l-attur xehed li matul is-sajf 2012, meta sehh l-incident kien l-uniku darba li ghadda minn Triq Marsalforn (fol. 222).

4. L-appellant ma jistax jiehu xi beneficcju mill-fatt li fil-gurnata tal-incident kien ghadu ma harigx il-permess sabiex isir *resurfacing* fi Triq Marsalforn. Ghalkemm mill-provi rrizulta li l-permess mill-Awtorita ta' Trasport inhareg fit-2 ta' Ottubru, 2012 pero' m'hemmx prova meta giet prezentata l-applikazzjoni, li ghall-qorti hi daqstant iehor rilevanti. Dan apparti li rrizulta li sakemm inhareg il-permess l-appellant hax mizuri temporanji sabiex jitnehha l-periklu.

   F'email datata 28 ta' Awissu 2012, Brian Borg[3] kiteb lill-perit Angelo Portelli:

   *"I am now waiting for quite a long time so that Marsalforn Road Xaghra (part trenched) be scarified and resurfaced… this now became a very urgent issue and must be addressed asap before any serious accident happens, since road surface condition is in a very bad state"*.

   Skond l-istess xhud ix-xogholijiet fit-triq mill-Korporazzjoni saru bejn il-21 ta' Mejju 2012 u 25 ta' Gunju 2012. Ix-xhud zied:

   *"B'riferenza ghal ftehim li jien semmejt li kien jezisti bejn il-Ministeru u l-Water Services Corporation, ghandi nghid li l-Ministeru diga' kien committed li jaghti hot road asphalt lil dik it-triq u cioe' Triq Marsalforn. Peress illi ahna konna se naghmlu xi xogholijiet, allura l-Ministeru stenniena nlestu dawk ix-xogholijiet"* (fol. 71).

   Hu evidenti li ferm qabel sehh l-incident l-appellant kien ha responsabbilta' li jaghmel it-tarmac fil-parti ta' Triq Marsalforn fejn sar ix-xoghol mill-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma. Tant hu hekk li l-perit Angelo Portelli xehed[4]:

---

[1] Kontro-ezami li sar fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2014 (fol. 234 et seq).
[2] Ix-xoghol tlesta f'Gunju. Kif jixhdu r-ritratti esebiti waqt il-gbir tal-provi, meta tlesta x-xoghol it-triq ma kinitx fl-istat li kienet fid-data tal-incident.
[3] Ufficjal tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma.
[4] Seduta tas-7 ta' Marzu 2014.

*"Meta l-Ministeru kien iddecieda li jidhol responsabbli ghall-asfaltar tat-triq,* ***ix-xogholijiet mill-Water Services kienu diga' bdew****"* (fol. 124B).

Billi l-Korporazzjoni lestiet mix-xoghol fil-21 ta' Gunju 2012, zgur li l-appellant kien assuma r-responsabbilta' iktar minn xahrejn qabel sehh l-incident. Ladarba assuma r-responsabbilta, iktar u iktar kellu ghallinqas jiehu mizuri temporanji sabiex jigi accertat li dik il-parti tat-triq ma tibqax perikoluza. Madankollu hu evidenti li wara li l-Korporazzjoni lestiet ix-xoghol fit-Triq Marsalforn u tnehhew il-barriers, l-appellant baqa' jkaxkar saqajh sakemm xhur wara sar *resurfacing* ta' dik il-parti ta' Triq Marsalforn.

Ghalkemm il-perit Angelo Portelli xehed li l-ewwel email li rcieva minghad Brian Borg kienet datata 31 ta' Awissu 2012, mill-provi rrizulta mod iehor. Fit-28 ta' Awissu 2012 Brian Borg kien baghatlu email fejn infurmah li hemm urgenza li x-xoghol isir fl-iqsar zmien possibbli *".... before any serious accident happens"* (fol. 42)[5]. Fil-fatt dakinhar stess il-perit Portelli baghat email lill-kuntrattur u qallu *"Please treat as immediate"* (fol. 42). Il-qorti temmen il-verzjoni ta' Brian Borg li verament kien fatt maghruf li r-*resurfacing* tat-triq kien ser isir mill-appellant. Il-qorti ma tistax tistrieh fuq il-verzjoni li ta l-perit Portelli meta hu evidenti li l-memorja tieghu fuq dak li gara ma kinitx cara. Fil-fatt qal: *".... jista' jkun li tkellimna over the telephone mas-Servizzi Korporazzjoni tal-Ilma, pero ma niftakarx x'intqal u ma ntqalx"* (fol. 189). F'kull kaz il-qorti ma tqiesx importanti r-raguni ghalfejn l-appellant iddecieda li hu jwettaq ix-xoghol ta' *resurfacing*[6]. Wara kollox id-Dipartiment rapprezentat mill-appellant, jifforma parti mill-Gvern li fl-ahhar mill-ahhar hu responsabbli li jizgura li t-toroq jinzammu f'kundizzjoni tajba. Inoltre, ma tressqet l-ebda prova li tissodisfa lill-qorti li r-responsabbilta' tat-triq kienet taqa' f'hogor terza persuna.

5. L-appellant ripetutament jipponta subghajh lejn il-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma. M'hemmx dubju li wara li tlesta x-xoghol kien hemm bzonn li jsir *resurfacing* tat-triq li dam ix-xhur biex sar. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghar-ritratti a fol. 54 li juri l-istat kif thalliet it-triq wara li tlesta x-xoghol. Kif jigri hafna drabi f'kazijiet simili, l-awtoritajiet pubblici jispiccaw jaghtu t-tort lil xulxin. Pero' l-Korporazzjoni ma kinitx parti ghal dan il-process.

   Lanqas mhu rilevanti x'tghid l-applikazzjoni li pprezentat il-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma biex tinghata l-permess biex twettaq ix-xoghol. L-istess jinghad fir-rigward tal-kundizzjonijiet li setghu gew imposti fuq il-Korporazzjoni. Meta sehh l-incident, id-

[5] Ghalkemm fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2014 il-perit Portelli qal li ma kienx sab l-email tat-28 ta' Awissu 2012, din m'hijiex prova li ma kienx irceviha.

[6] Fir-rikors tal-appell qal li x-xoghol ghamlu minn jeddu u mhux ghaliex kien hemm xi ftehim.

Dipartiment kien minn zmien qabel assuma r-responsabblita li jaghmel *resurfacing* tat-triq fejn kien sar ix-xoghol mill-Korporazzjoni. Xoghol li sar biss f'Ottubru 2012 minghajr hadd min-naha tad-Dipartiment ma jindenja ruhu li jizgura li ghallinqas jittiehdu mizuri temporanji sabiex itaffu l-periklu manifest li kien hemm fit-triq. Il-qorti ma taqbilx mal-appellant li fiz-zmien li sehh l-incident is-sinjali tat-traffiku messhom saru mill-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma. F'dak l-istadju r-responsabbilta kienet kollha tad-Dipartiment li l-appellant qieghed jirraprezenta.

6. L-appellant semma wkoll li t-triq ma kinitx taqa' taht ir-reponsabbilta tal-Gvern Centrali peress li ma kinitx triq arterjali[7], din it-tezi hi minghajr bazi gialadarba d-Dipartiment assuma r-responsabbilta li jaghmel *resurfacing* tat-triq.

7. L-appellant argumenta li l-attur kellu jinduna f'liema stat kienet it-triq meta ghadda minnha, u ghalhekk kellu jkun iktar diligenti fis-sewqan. L-appellant ma jistax jipprova jahrab mir-responsabbilta b'argument simili. Kif diga' osservat, l-appellant ma kienx qieghed isuq b'velocita eccessiva. L-incident sehh waqt li kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass li kellu kull dritt li jaghmel. Fit-triq ma kienx hemm sinjal tat-traffiku bhala avviz li fit-triq hemm periklu. Lanqas ma kien hemm dawl adegwat. Il-qorti ma tifhimx kif l-attur seta' jipprevedi li f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, f'nofs it-triq hemm tappiera u madwarha l-wicc tat-triq ma kienx uniformi. Incidenti ta' din ix-xorta jigru f'temp ta' sekondi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[7] Prova ta' dan ma saritx.